MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 48/2007

**Emanuel Cassar (ID Nru: 527571(M)**

**vs**

**Direttur Generali tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u ghal kull interess li jista' jkollu l-Avukat Generali**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrent issottometta:

Illi huwa tressaq quddiem il-Bord ta’ Dixxiplina tal-Habs fuq certu akkuzi;

Illi r-rikorrent talab illi ghall-udjenza jkun assistit minn avukat tal-fiducja tieghu;

Illi din it-talba tieghu giet michuda mill-awtoritajiet kompetenti;

Illi l-esponent isostni illi b’hekk qed jigu lilu lezi d-drittijiet tieghu kif sanciti fl-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta kif ukoll l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi in effetti dawn iz-zewg dispozizzjonijiet tal-ligi jaffermaw id-dritt ta’ l-individwu, li ghal ta’ l-anqas quddiem Tribunali b’aspett penali l-individwu jkollu d-dritt ta’ assistenza legali u ndubbjament il-bord ta’ dixxiplina msemmi jinkwadra ruhu f’dan l-isfond;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(1) occorrendo li jiddikjara li huwa dritt ta’ l-esponent li jkun assistit minn avukat quddiem il-proceduri dixxiplinari msemmija;

(2) Tordna lill-istess intimati jew min minnhom jawtorizzawh li jaghmel dan u;

(3) Taghti dawk id-direttivi u provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni sabiex id-drittijiet ta’ l-esponent jigu salvagwardjati;

Rat ir-**risposta tal-intimati** a fol. 8 tal-process fejn issottomettew:

1. Illi preliminarjament, l-esponent jissottometti li l-kaz mertu ta’ din il-kawza mhux xi wiehed ta’ natura urgenti u ghalhekk il-Qorti m’ghandiex tappuntah ghas-smigh hlief wara l-1 t’Ottubru, ai termini tar-Regolament 8(2) tal-AL 35 tal-1993 kif emendat.

2. Illi preliminarjament ukoll, l-Avukat Generali, mhux legittimu kuntradittur f'din il-procedura ai termini tal-Artiklu 181B(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-gurisprudenza hija kostanti fis-sens li meta fi proceduri kostituzzjonali jkun hemm intimati ohra li jistghu jwiegbu ghall-lanjanzi vantati, u ma tkunx qed tkun attakkata xi ligi partikolari, allura f'dawk il-kazi l-Avukat Generali ma jkunx legittmu kuntradittur. Fil-kawza odjerna mhix qed tkun attakkata ligi u l-intimat l-iehor jista' jwiegeb adegwatament ghall-lanjanzi. Ghalhekk l-esponent l-Avukat Generali mhux legittmu kuntradittur.

3. Illi fil-mertu l-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni m'humiex applikabbli ghall-kaz in kwistjoni stante li ghalkemm ir-rikors promotur hu xott hafna u ma jaghtix dettalji, ma jirrizultax li r-rikorrent kien akkuzat b'reat kriminali' quddiem dan il-Bord ta' Dixxiplina. It-tifsira ta' din il-frazi hija li persuna tkun akkuzata b'reat kriminali quddiem qorti ta' gurisprudenza kriminali u mhux quddiem bord intern li jisma' fatti dwar agir mhux accettabbli fuq il-post tax-xoghol. Fil-kaz tar-rikorrent, il-mizura ta' dixxiplina massima li jista' jehel hija sospensjoni mix-xoghol ta' ftit jiem.

4. Illi wkoll dawn iz-zewg artikli m'humiex applikabbli stante li proceduri quddiem bord ta' dixxiplina ntern dwar agir ta' mpjegati fuq il-post tax-xoghol taghhom ma jikkostitwixxix 'qorti' jew 'tribunal' ghall-fini ta' dawn iz-zewg artikli.

5. Illi wkoll dawn iz-zewg artikli m'humiex applikabbli stante li dan il-bord m'ghandux is-setgha li jsib htija o meno b'mod finali dwar akkuzi dwar reati kriminali.

6. Illi f'kull kaz m'hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent;

7. Illi jinghad ukoll li:

(a) ir-rikorrent tressaq quddiem dan il-Bord mill-inqas wiehed u erbghin (41) darba, dejjem dwar agir mhux

accettabbli waqt l-impjieg tieghu.  F’dawn il-kazi kollha, dejjem intuzat l-istess procedura li qed tintuza llum u li r-rikorrent qed jittenta jattakka.

(b) Ir-rikorrent gieli deher quddiem dan l-istess Bord ukoll biex jassisti lil persuni ohra mpjegati fl-istess Facilita’.  F’dawn il-kazi dejjem intuzat l-istess procedura bhal fil-kaz odjern.

(c) Persuna li titressaq quddiem dan il-Bord ghandha dritt li tkun assistita minn persuna mill-Prison Officers Association.

(d) Ir-rikorrent ghandu pendenti wkoll quddiem il-qorti, proceduri ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-intimat Direttur Generali fuq l-istess kaz.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontrih, stante li m’hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lid-difensur ta’ l-intimati jittratta;

Rat in-nota’ ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Eccezzjoni preliminari**

Ir-rikors thalla ghal lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari ta’ l-intimati dwar l-applikabilita’ o meno ta’ l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni). Proprjament dina l-eccezzjoni tinsab fit-tielet, raba’ u hames eccezzjoni tal-intimati. Dawn jghidu hekk:

3. *Illi fil-mertu l-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni m’humiex applikabbli ghall-kaz in kwistjoni stante li ghalkemm ir-rikors promotur hu xott hafna u ma jaghtix dettalji, ma jirrizultax li r-rikorrent kien akkuzat*

*b'reat kriminali' quddiem dan il-Bord ta' Dixxiplina. It-tifsira ta' din il-frazi hija li persuna tkun akkuzata b'reat kriminali quddiem qorti ta' gurisprudenza kriminali u mhux quddiem bord intern li jisma' fatti dwar agir mhux accettabbli fuq il-post tax-xoghol. Fil-kaz tar-rikorrent, il-mizura ta' dixxiplina massima li jista' jehel hija sospensjoni mix-xoghol ta' ftit jiem.*

*4. Illi wkoll dawn iz-zewg artikli m'humiex applikabbli stante li proceduri quddiem bord ta' dixxiplina ntern dwar agir ta' mpjegati fuq il-post tax-xoghol taghhom ma jikkostitwixxix 'qorti' jew 'tribunal' ghall-fini ta' dawn iz-zewg artikli.*

*5. Illi wkoll dawn iz-zewg artikli m'humiex applikabbli stante li dan il-bord m'ghandux is-setgha li jsib htija o meno b'mod finali dwar akkuzi dwar reati kriminali.*

**Kontestazzjoni**

L-intimati jikkontendu li l-artikolu 6 mhux applikabbili fil-kaz in ezami ghaliex il-kriterji li jssemmew f'l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni mhumiex applikabbli kemm ghal dak li jirrigwarda l-htiega li jkun hemm tribunal, kemm dwar il-htiega li jkun hemm *criminal charge*; kif ukoll fir-rigward ta' li m'hemmx *a determination of a criminal charge* billi f'dan il-kaz il-Bord kull ma jaghmel hu li johrog rakkomandazzjoni.

Ir-rikorrent jikkontendi li hu ghandu dritt li ghal ta' lanqas quddiem Tribunal b'aspett penali jkollu d-dritt ta' assistenza legali u li bord ta' dixxiplina jinkwadra ruhu f'dan l-isfond.

**Konsiderazzjonijiet**

Kif irrimarkaw l-intimati, ir-rikors promutur huwa xott hafna u ma jaghtix dettalji. Jidher li r-rikorrent, bhala ufficjal tal-habs tressaq quddiem Bord ta' dixxiplina ntern tal-habs, minhabba li kien hemm allegazzjoni li gab ruhu hazin u

naqas minn dmirijietu. L-intimati jsostnu li dan ma jammontax ghall reat kriminali.

**<u>L-artikolu 6 u proceduri dixxiplinarji</u>**

Il-kwistjoni jekk l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplikax f'proceduri ta' dixxiplina giet deciza diversi drabi mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, fin-negattiv.

L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovvdi garanziji procedurali (bhal ma huwa d-dritt ta' assistenza legali) fi proceduri kriminali quddiem Qorti jew Tribunal li jrid ikun imparzjali u indipendenti.

Il-Qorti pero' trid taccerta ruhha illi l-proceduri dixxiplinarji jkunu verament jirrigwardaw biss materja ta' dixxiplina u mhux inkunu fihom infushom ukoll ta' natura kriminali. Il-Qorti ghalhekk trid tara jekk l-allegata vjolazzjoni tammontax ghall vjolazzjoni ta' materja ta' dixxiplina biss jew inkellha hemmx ukoll vjolazzjoni ta' xi ligi kriminali u dan indipendentement minn kif tigi msejha fil-ligi domestika.

Il-partijiet rilevanti ta' l-artikolu 6(1)(3)(c) tal-Konvenzjoni jaqraw kif gej:

"1. ***In the determination of ... any criminal charge*** *against him, everyone is entitled to a fair ... hearing ... by [a] ...* ***tribunal*** ...

...

3. ***Everyone charged with a criminal offence*** *has the following minimum rights:*

...

*(c) to defend himself in person or through legal assistance of his own choosing or, if he has not sufficient means to pay for legal assistance, to be given it free when the interests of justice so require;"*

Dwar l-applikabbilita' ta' l-artikolu 6 u l-kriterji li bihom jigi determinat jekk ghandux japplika dana l-artikolu hemm li :

"*In the determination of the applicability of the criminal aspect of Article 6, the criteria are those set down by the Court in Engel and Others v. the Netherlands (judgment of 8 June 1976, Series A no. 22, pp. 34-35,* ***§§ 82-83****) as applied in the prison context in Campbell and Fell v. the United Kingdom (judgment of 28 June 1984, Series A no. 80, p. 35, §§ 68-69; and Ezeh & Connors vs UK 9th October 2003*")

**82.** ...

*"...[I]t is first necessary to know whether the provision(s)* ***defining the offence charged belong,*** *according to the legal system of the respondent State, to criminal law, disciplinary law or both concurrently. This however provides no more than a starting point. The indications so afforded have only a formal and relative value and must be examined in the light of the common denominator of the respective legislation of the various Contracting States.*

*The* ***very nature of the offence*** *is a factor of greater import. ...*

*However, supervision by the Court does not stop there. Such supervision would generally prove to be illusory if it did not also take into consideration the degree of* ***severity of the penalty*** *that the person concerned risks incurring. In a society subscribing to the rule of law, there belong to the 'criminal' sphere deprivations of liberty liable to be imposed as a punishment, except those which by their nature, duration or manner of execution cannot be appreciably detrimental. ...*

*83.. ..*

*It is on the basis of these criteria that the Court will ascertain whether some or all of the applicants were the*

*subject of a 'criminal charge' within the meaning of Article 6 § 1."*

Id-dritt ghal smigh xieraq, li hu l-iskop ta' l-artikolu 6, hu wiehed mid-drittijiet fundamentali f'socjeta' demokratika kif sancit fil-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u kif qalet il-Qorti til-kaz Golder *"justice cannot stop at the prison gate and there is, in appropriate cases, no warrant for depriving inmates of the safeguards of Article 6"*. Ghalhekk isegwi li l-principji fil-kaz Engel and Others huma rilevanti wkoll, *mutatis mutandis*, "*in a custodial setting and that the reasons mentioned above cannot override the necessity of maintaining, there too, a dividing line between the 'criminal' and the 'disciplinary' that is consistent with the object and purpose of Article 6*".

Issa fil-kaz in ezami ma ngabet ebda prova li r-rikorrent gie akkuzat b'xi reat kriminali, imma jidher li ttiehdu biss proceduri dixxiplinarji fuq allegazzjoni li gab ruhu hazin u naqas minn dmirijietu u li dawn jimpurtaw biss twissija, telf ta' *leave*, jew xi sieghat paga. Dawn il-mizuri ma humiex ta' dik is-severita li jistghu jigu kunsidrati bhala piena marbuta ma reat kriminali. Anke l-agir tar-rikorrent li qed jigi kontestat ma jistax jigi konsidrat bhala li jammonta ghall reat kriminali jew li jista' jwassal biex jittiehdu wkoll passi kriminali kontra tieghu .

F'dan il-kaz il-Bord ta' dixxiplina ma jsibx htija o meno b'mod finali dwar akkuzi fuq xi reati kriminali imma jaghmel rakkomandazzjonijiet fuq materja ta' dixxiplina fuq il-post tax-xoghol lid-Direttur tal-Habs li mbaghad jimponi certi sanzjonijiet kif fuq imsemmija. F'dan il-kaz ir-rikorrent mhux qed jigi akkuzat **b'reati kriminali** (almenu ma jirrizultax li r-rikorrent ma gabx xi prova f'dan is-sens) quddiem **qorti jew tribunal** imma quddiem Bord ta' dixxiplina.

Illi ghalhekk fil-kaz in ezami, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni mhux applikabbili ghal Bord ta' dixxiplina in kwisjtoni, u t-talba tar-rikorrent konsegwentement ma tistax tintlaqa.

Jigi rilevat ghall kull buon fini li r-rikorrent dejjem jista' jigi assistit minn persuna mill-union tal-Prison Officers' Association kif jidher li r-rikorrent diga kellhu l-opportunita' li jaghmel f'diversi okkazzjonijiet precedenti.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimat li l-artikolu 6 mhux applikabbili fil-kaz in ezami
Konsegwentement tichad it-talbiet tar-rikorrent
Bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------